# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 365/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Godwin Migneco**

Illum 27 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Godwin Migneco**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 702062(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. fuq talba tad-Direttur Ġenerali (Dipartiment tat-Taxxi Interni) bħala direttur tal-kumpanija Medairco Limited (C 1697) għas-snin 1999, 2000 u 2001 b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni

waħda naqas milli jibgħat il-formoli tat-taxxa skont id-dispożizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 372 kif ukoll fir-Regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 maħruġa *ai termini* tal-hawn fuq imsemmi Artikolu 23 naqas milli jħares id-dispożizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Settembru 2021, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll Regolamenti 15 u 20 ta' l-Avviż Legali 88 tas-sena 1998, sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu in kwantu tirreferi għan-nuqqasijiet tas-soċjeta' Medairco Limited u kkundannatu multa ta' mitejn Euro (€200) u multa addizzjonali ta' erba' Euro (€4.00) għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-sentenza[1]. Il-Qorti spjegat lill-imputat *ai fini* ta' Artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta li jekk fi żmien ħames snin jerġa' jinstab ħati ta' xi reat taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le) tingħata sentenza, b'żieda ma' kull piena oħra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem priġunerija jew ta' multa ta' elf u ħames mitt Euro (€1500) u persuna hekk misjub ħatja għat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija snin, minkejja kull ħaġa li tinsab fl-Att dwar il-*Probation* jew f'xi leġislazzjoni oħra, jingħata sentenza ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn tlett ijiem jew multa ta' ħamest' elef Euro (€5,000), b'żieda ma kull piena oħra ħlief għal priġunerija għal żmien itwal.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-13 ta' Ottubru 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar id-29 ta' Settembru 2021 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Sarah Magri) vs. Godwin Migneco in kwantu sabitu ħati tal-imputazzjonijiet*

[1] "Din il-multa addizzjonali għandha tiġi imposta minkejja li l-imputat m'għadux jokkupa l-kariga ta' direttur; ref **Il-Pulizija vs. William Caruana** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-28 ta' Lulju 2021. Dak in-nhar ġew deċiżi ħames kawżi fil-konfront ta' William Caruana a bażi ta' l-istess prinċipji."

*kollha miġjuba kontrih u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellant kien direttur tas-soċjeta' Medairco sakemm huwa rriżenja minn din il-pożizzjoni f'Awwissu 2001. Skont ix-xiehda mogħtija fid-9 ta' Ġunju 2022 quddiem din il-Qorti diversament preseduta minn Stefan Azzopardi (*Senior Principal* fi ħdan il-Kummissarju tat-Taxxi), is-soċjeta' Medairco applikat għal PE Number minħabba li kienet ser tibda timpjega n-nies magħha. Għas-snin bejn 1999 u 2001 is-soċjeta' *de quo* kienet issottomettiet l-FS 7 u l-FS 3 iżda naqset milli tibgħat il-maġġoranza tal-formoli FS 5 kif ukoll il-pagamenti relatati ma' dawn id-dokumenti. Dan kien ifisser li kien hemm pendenzi għas-snin indikati.

Illi permezz ta' ittra (Dok. "SA 1" - *a fol.* 45) datata 27 ta' Marzu 2017, il-Kummissarju tat-Taxxi talab lill-Kumissarju tal-Pulizija sabiex jieħu azzjoni fil-konfront tal-appellant għan-nom tas-soċjeta' Medairco Limited (C 1697).

Illi l-appellant jgħid li minn Mejju 1996 huwa kien ġie estromess minn ħuħ mit-tmexxxija tas-soċjeta' u li għalhekk huwa ma jaħtix tan-nuqqasijiet in kwistjoni.

Illi sabiex isostni l-appell tiegħu l-appellant iressaq numru ta' aggravji li ser jiġu mistħarrġa kif imsemmi hawn taħt.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant huwa dwar apprezzament tal-provi. L-appellant jilmenta li huwa ma kienx jaf bl-ammonti li kienu dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi minħabba li huwa ġie estromess mit-tmexxija tas-soċjeta' u għalhekk ma kienx jaf li għal perjodu ta' bejn 1999 u 2001 kien hemm taxxa dovuta. Jisħaq li x-xhieda li ttellgħu kollha kkonfermaw li huwa kien ġie estromess mit-tmexxija tas-soċjeta'. Jgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fid-deċiżjoni tagħha u li tali deċiżjoni ma kinitx dettata miċ-ċertezza morali. Jgħid li kull sejħa għal ħlas ġiet indirizzata lil Anthony Migneco u mhux lilu b'dana li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar dan il-punt kienet żbaljata. Jgħid li l-fatt waħdu li ffirma ftehim mad-direttur l-ieħor bl-ebda mod ma jfisser li din kienet deċiżjoni volontarja.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi

maghmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi din il-Qorti tinnota li l-appellant kien għadu direttur tas-soċjeta' Medairco Limited, hekk kif jirriżulta mill-Formola K, sa Awwissu 2001. Jidher li ħadd ma obbligah jibqa' direttur u li hu baqa' f'dan ir-rwol minn jeddu u b'hekk, ġialadarba huwa baqa' f'dan ir-rwol, huwa kellu jġorr tali responsabilita'. L-informazzjoni li qed jgħid li ma kellux aċċess għaliha huwa seta' jiksibha minn sorsi oħra u dana billi jikteb lill-Kumissarju tat-Taxxi direttament. Minbarra dan, mit-traskrizzjoni tax-xiehda mogħtija mill-appellant quddiem din il-Qorti diversament preseduta fit-13 ta' Ottubru 2022 jirriżulta s-segwenti:

| | |
|---|---|
| "Prosekuzzjoni: | Issa inti qabel irriżenjajt, għamilt xi verifiki biex tara hemmx xi pendenzi, xi arretrati ta' taxxa li jridu jitħallsu? |
| Xhud: | Le jiena kont naf li hemm *privilege creditors* li jridu jitħallsu. |
| Prosekuzzjoni: | Kont taf. |
| Xhud: | Dażgur li kont naf. |
| Prosekuzzjoni: | Jiġifieri t-taxxa kont taf li l-kumpannija trid tħallas it-taxxa. |
| Xhud: | Ehe. |

Prosekuzzjoni: Li kien hemm dawn l-arretrati qabel irriżenjat.

Xhud: Kien hemm xi arretrati, ma kontx naf b'dawn is-somom li kien hemm [...]."

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dan juri li l-appellant kien konxju tal-arretrati għalkemm forsi ma kienx jaf bl-ammont komplessiv tagħhom. Huwa jilmenta li l-ammonti ta' arretrati li kien jaf bihom minħabba li ġew inklużi fir-*Recovery Review Plan* (*a fol.* 90 u 91) tħallsu.

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li jgħid l-appellant li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkunsidrat li mill-kuntratti li hemm fl-atti proċesswali, b'mod partikolari l-kuntratt tas-17 ta' Awwissu 2000 (Dok. "GM 2" – *a fol.* 97 *et seq.),* jidher li hu kien konxju tal-arretrati. Klawsola numru 4 tal-kuntratt issemmi b'mod speċifiku s-*social security.* In vista ta' dan, l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li l-appellant kien jaf li kien hemm pendenzi dwar it-taxxi in kwistjoni. Għalhekk dan l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jilmenta li mhux ċar taħt liema artikolu tal-liġi huwa nstab ħati. Huwa jindika li l-ħlas tat-taxxa kien obbligu tal-persuna legali. F'dan ir-rigward skont l-appellant il-liġi tistabbilixxi żewġ azzjonijiet li setgħu jittieħdu kontra tiegħu u ċioè dik imsejsa taħt Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta u dik stabbilita taħt Artikolu 7 tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta. Jisħaq li dan in-nuqqas ta' kjarezza jilledi d-dritt tas-smigħ xieraq.

Illi din il-Qorti tirreferi għaċ-ċitazzjoni li biha l-appellant ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti minn fejn jirrizulta b'mod ċar li hu kien qed jiġi mħarrek *ai termini* ta' Artikolu 23 tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta. Minbarra dan fid-*decide* tas-sentenza appellata jirrizulta bl-aktar mod ċar li l-appellant instab ħati talli kiser dan l-

artikolu msemmi. Tenut kont ta' dan, din il-Qorti hija tal-fehma li dan it-tieni aggravju huwa wieħed fieragħ minħabba li ma hemm l-ebda nuqqas ta' kjarezza kif jiġi lamentat mill-appellant. B'hekk dan l-aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tat-<u>tielet aggravju</u> l-appellant jilmenta li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li huwa kellu responsabilita' vikarja għan-nuqqas tal-kumpanija u dan skont ma jiġi stabbilit mill-Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar l-Interpretazzjoni). Jispjega li l-ammonti ndikati fir-*review* kienu tħallsu u dak li kien hemm ċioè mis-sena 1999 'il quddiem kienu jkopru perjodu fejn huwa ma kienx għad ikollu informazzjoni dwar il-kumpanija. Jisħaq li huwa għamel dak kollu li seta' biex jara li ma jsirx ir-reat u li n-nuqqasijiet in kwistjoni huma marbuta mas-snin li huwa ma kienx għadu attiv fil-kumpanija.

Illi din il-Qorti tinnota li Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta jirrigwarda l-applikazzjoni ta' liġi ġenerali mentri Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta huwa liġi speċjali li jirrigwarda l-amministrazzjoni tat-taxxa li tinġabar mill-iStat. B'żieda ma' dan, din il-Qorti tinnota wkoll li minħabba li dan il-każ huwa regolat speċifikament minn Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta, Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-6 ta' Diċembru 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Antonio Busuttil** (Numru 162/2012 u Numru 180/2012) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "F'dan il-każ l-imputat qiegħed jargumenta illi huwa osserva d-dispost tal-Artiklu 13 tal-Interpretation Act illi għamel minn kollox sabiex huwa jassigura illi ma jsirx dan ir-reat u fi kwalunkwe każ ma kienx jaf illi dan ir-reat qed isir. Din il-Qorti tagħmilha ċara illi l-Interpretation Act ma tistax tiġi applikata għal din il-liġi peress illi din hija liġi speċjali illi tkopri miżuri fiskali tal-Gvern u għalhekk hija din il-liġi illi għandha tiġi

> applikata u mhux l-Interpretation Act. Direttur ta' kumpanija, sew jekk ikun fl-amministrazzjoni, sew jekk ikun fuq is-*sales*, għandu l-obbligu illi jassigura illi d-drittijiet statutorji tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni jiġu osservati u mhiex skuża illi tgħid illi kien hemm persuna partikolari sabiex tieħu ħsieb l-amministrazzjoni u d-dokumenti tas-soċjeta'. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tiċċensura lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni illi għażel illi jfittex lill-imputat għal dawn ir-reati flok direttur ieħor."

B'hekk l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tar-raba' aggravju l-appellant jilmenta li minkejja li l-azzjoni bbażata fuq Artikolu 23 tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta mhijiex preskrivibbli, ir-responsabilita' vikarja taħt Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta tista' tiġi preskritta. Jisħaq li tali preskrizzjoni hija naxxenti mill-fatt li għalkemm huwa kien direttur sa Awwissu 2001, il-proċeduri kontra tiegħu *"inbdew biss fil-15 ta' Marzu 2012 u ġew notifikati lilu f'Novembru 2016, u ċioè ġie notifikat bl-akkużi iktar minn ħmistax il-sena wara li allegatament ġew kommessi."*

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tirreferi għal dak li ngħad fir-rigward tal-aggravju preċedenti u tapplikah għal dan l-aggravju wkoll. In vista tal-fatt li, kif deċiż aktar 'il fuq, Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax għal każ odjern, l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tal-ħames aggravju l-appellant jilmenta li Artikolu 7 tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta japplika b'mod aktar ristrett minn Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta. Minbarra dan l-appellant jisħaq li Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi li sabiex wieħed jkun jista' jinsab direttament

responsabbli għan-nuqqas ta' ħlas tat-taxxa kellu jiġi ppruvat li huwa kien *manager* jew funzjonarju prinċipali u li għandu pussess tal-assi tas-soċjeta' inkriminata. Jgħid li huwa ma kellu l-ebda rwol fil-kumpanija in kwistjoni u li kien proprju għalhekk li telaq. Jgħid ukoll li huwa ma ħa xejn mill-assi tal-kumpanija u li kienu d-diretturi ta' warajh li ġabu l-kumpanija fi stat ta' falliment. Jispjega li kien biss wara li ġiet likwidata l-kumpanija li saru dawn il-proċeduri kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti tibda billi tinnota li l-azzjoni mressqa mill-Istat hija intiża sabiex jiġi mistħarreġ u, jekk ikun il-każ, tiġi stabbilita r-responsabilita' kriminali ta' persuna fejn ma tkunx tħallset lill-Gvern il-kontribuzzjoni soċjali li tkun inġabret, f'dan il-każ mis-soċjeta' Medairco. Din mhijiex azzjoni sabiex jiġu rkuprati d-djun minn naħa tal-Kumissarju tat-Taxxi.

Illi mhux korrett l-appellant meta jgħid li ma jikkwalifikax bħala *manager* jew funzjonarju prinċipali u dana stante li fil-fehma ta' din il-Qorti l-kariga ta' direttur ta' kumpanija tista' faċilment tikkwalifika bħala rwol ta' funzjonarju prinċipali. Lanqas huwa korrett l-appellant meta jgħid li, sabiex tinstab ħtija, il-Prosekuzzjoni kellha turi li hu kien *manager* jew funzjonarju prinċipali u li kellu fil-pussess tiegħu assi tal-kumpanija.

Illi filwaqt li huwa veru li sabiex tinstab ħtija tal-appellant huwa ried ikun funzjonarju prinċipali iżda ma jistax jingħad l-istess għat-tieni rekwiżit. It-tieni rekwiżit jidħol fis-seħħ biss sabiex wieħed jifli jekk tali funzjonarju prinċipali għandux iħallas mill-assi personali tiegħu. In vista tal-fatt li, kif indikat iktar 'il fuq, din mhijiex azzjoni sabiex jiġi rkuprat xi ħlas, Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta m'huwiex applikabbli għal każ odjern. Konsegwentement dan l-aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tas-sitt aggravju l-appellant jilmenta li dawn il-proċeduri kien messhom inġiebu ukoll fil-konfront tad-direttur l-ieħor Anthony Migneco.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda proċeduri kontra Anthony Migneco. Minbarra f'hekk, dan l-aggravju huwa bla ebda piż minħabba li sabiex jilqa' għall-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu l-appellant kellu jipprova li, sakemm kien direttur huwa, id-dokumenti neċessarji kienu intbagħtu lill-Kummissarju tat-Taxxi u l-ammonti dovuti tħallsu. Dan ma sarx. Għaldaqstant, is-sitt aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tas-seba' aggravju l-appellant jilmenta li huwa ma jistax jinstab ħati meta s-soċjeta' Medairco illum hija defunta u f'dan ir-rigward jagħmel riferenza għal Regolament 28 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 372.14 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Jekk xi pagatur imut, kull ħaġa li hu kellu jagħmel skont dawn ir-regoli għandha ssir mill-werrieta tiegħu, mir-rappreżentanti legali jew mis-suċċessuri tiegħu, jew, f'każ ta' pagatur li jkun ħallas emolumenti f'isem xi persuna oħra, mill-persuna li tiġi minfloku, jew, jekk ebda persuna ma tiġi minfloku, mill-persuna li f'isimha jkun ħallas emolumenti."

Illi din il-Qorti tibda billi tgħid li r-Regolament in kwistjoni ma jgħidx dak li qed jindika l-appellant anzi jipprovdi għal kif isiru l-pagamenti li huma dovuti wara li jmut pagatur. Minbarra dan, għalkemm waqt il-proċeduri sar xi diskors rigward il-fatt li jista' jkun li s-soċjeta' Medairco ġiet stralċata jew qiegħda f'tali proċess, ma hemm l-ebda prova dwar dan. Għal kull buon fini jingħad li Artikolu 325(4) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar il-Kumpaniji) jistabbilixxi li kumpanija li ġiet imħassra minn fuq ir-Reġistru tista' terġa' tidħol fir-Reġistru jekk isir Rikors f'dan is-sens *ai termini* tas-sub-Artikolu msemmi.

Illi, meħud in konsiderazzjoni tal-fatt li fl-atti proċesswali ma jirriżultawx provi li l-kumpanija tħassret mir-Reġistru tal-

kumpaniji, ma hemmx lok li din il-Qorti tistħarreġ aktar fid-dettall dan l-aggravju u għalhekk qed tiċħad dan l-istess aggravju.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tmien aggravju l-appellant jilmenta li l-ammonti dovuti ma ġewx ippruvati u li huwa qed ibagħti minħabba li l-Kummissarju għamel użu ħażin tad-diskrezzjoni tiegħu. Jgħid dan minħabba li skont huwa l-Kummissarju ma allokax il-pagamenti li saru għall-eqdem djun.

Illi dwar il-prova tal-ammonti dovuti, din il-Qorti tirreferi għar-rendikont li ġie ppreżentat minn Stefan Azzopardi fit-18 ta' Novembru 2019 (*a fol.* 121 *et seq*.). Tenut kont ta' dan ir-rendikont u tenut kont ukoll tal-fatt li fix-xiehda tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2022 (*a fol.* 164 *et seq*.) ikkonferma li għad hemm flus dovuti (*a fol.* 166), din il-Qorti hija tal-fehma li l-ammonti dovuti ġew ippruvati minn naħa tal-Prosekuzzjoni.

Illi rigward l-ilment ta' kif tqassmu l-allegati pagamenti, din il-Qorti tinnota li fl-atti proċesswali ma hemm l-ebda prova ta' pagamenti li allegatament saru mid-diretturi ta' wara l-appellant. B'hekk anke dan l-aggravju jistħoqqlu jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tad-disa' aggravju l-appellant jilmenta li huwa ma għandux iħallas it-taxxa għat-terminu ta' żmien għas-sena 2001 meta f'dik is-sena huwa ma kienx għadu direttur tal-kumpanija.

Illi din il-Qorti tinnota li l-appellant irriżenja mir-rwol tiegħu tas-soċjeta' Medairco f'Awwissu 2001. Mix-xiehda ta' Stefan Azzopardi (*a fol.* 164 *et seq*.) jirriżulta li s-soċjeta' Medairco ma kinitx ippreżentat il-formola tal-FS 5 (*a fol.* 165). Iktar 'il quddiem fl-istess xiehda, Stefan Azzopardi jgħid li l-formola msemmija hija formola li tintbagħat lill-Kummissarju tat-Taxxi kull xahar flimkien ma' pagament tat-taxxa li tkun inqatgħet mill-paga tal-impjegati, f'dan il-każ mis-soċjeta' Medairco. B'hekk l-appellant

m'huwiex korrett meta jgħid li r-responsabilita' għas-sena 2001 ma għandhiex tkun imputabbli lilu minħabba li kien obbligu tiegħu li jibgħat l-FS 5 ta' kull xahar. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li tali responsabilita' għandha tkun imputabbli lill-appellant. Tenut kont ta' dawn l-argumenti, anke dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Godwin Migneco u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**